MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 461/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mario Farrugia ta' 42 sena mwieled fil-15 ta' Awissu 1969 iben il-mejjet Carmelo u Stella nee' Farrugia mill-Pieta u joqghod gewwa Aqualean, Triq Bur Glaf, Gudja bin-numru tal-karta tal-identita` 331069M.

Talli;

1) Nhar id-9 ta' Jannar,2012 gewwa dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmel hsara lill-Ispettur Arthur Mercieca u lil PC627 Jesmond Saliba, akkuza lill-Ispettur Arthur Mercieca u lil PC 627 Jesmond Saliba, quddiem awtorita` kompetenti b`reat, filwaqt li kien jaf li l-Ispettur Arthur Mercieca u PC 627 Jesmond Saliba, kienu innocenti;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu

f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

3) U aktar talli bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu `l quddiem jiswew bi prova kontra lis-Spettur Arthur Mercieca u PC 627 Jesmond Saliba bil-hsieb li b'hekk, din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

4) U aktar talli fil-gimghat ta` qabel gab ruhu b`mod li ta fastidju lil PC 627 Jesmond Saliba u b`mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak kien ta` fastidju ghal dik il-persuna.;

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanza, bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh tal-Ispettur Arthur Mercieca u PC 627 Jesmond Saliba, iweggghu bi kliem, b`gesti, b`kitba, b`disinju jew b`xi mod iehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Bhala retroxena qasira, ghandu jinghad li l-imputat u l-mara tieghu kienu u ghadhom ghaddejjin minn separazzjoni personali kumbattuta u animata ferm, b'hafna rapporti kriminali kontra xulxin. L-imputat kien ghamel ilment lill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, fejn qal li xi membri tal-korp tal-Pulizija, precizament l-Ispettur Arthur Mercieca u PC 627 Jesmond Saliba kienu qed jiffavorixxu lill-mara tieghu, Mary Rose Farrugia, kull meta din kienet qed taghmel rapport kontrih

mal-Pulizija. Huwa qal lill-Kummissjoni li l-Ispettur Mercieca kien habib kbir ta’ hu Mary Rose Farrugia, mentri Saliba kien addirittura habib intimu taghha u jorqod maghha. Qal ukoll f’dan l-ilment li r-rapporti tieghu ma kienux qed jaslu l-Qorti, izda r-rapporti li taghmel il-mara tieghu kontrih mhux biss jaslu l-Qorti izda jitressaq b’arrest fuqhom u jehel kundanna. Il-Kummissjoni ghalhekk baghtet dan ir-rapport li ghamel l-imputat lill-Pulizija, sabiex jaraw x’kien hemm veru jew le f’dan ir-rapport, u wara li ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom, spiccaw biex ressqu lill-imputat bl-akkuzi ta’ kalunnja, dikjarazzjoni falza, holqien qarrieqi ta’ provi foloz, fastidju, u ingurja.

Mill-provi prodotti, irrisulta li l-imputat kien ghamel rapport lill-Kummissjoni msemmija hawn fuq fid-9 ta’ Jannar 2012, fejn ilmenta fuq l-Ispettur Mercieca u PC 627 Jesmond Saliba kif inghad hawn fuq. Ma rrisultax jekk il-Pulizija nvestigawx lill-Ufficjali koncernati wara li rcevew dan l-ilment. Zgur li ttiehdet stqarrija ta’ PC 627, u l-Ispettur Mercieca irrilaxxja dikjarazzjoni bil-miktub. Irrisulta wkoll li ttiehdet stqarrija lill-imputat u tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet. Irrisulta wkoll li, fejn ghall-ewwel PC 627 innega bil-qawwa li kellu relazzjoni ma’ mart l-imputat, kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti, wara ammetta li kellu relazzjoni intima maghha. Dan kien wiehed mill-ilmenti ewlenin li kellu l-imputat quddiem il-Kummissjoni. Tajjeb jew hazin, l-imputat issuspetta li PC 627 kien qed ighin biex ir-rapporti li taghmel Mary Rose Farrugia jaslu aktar malajr il-Qorti, suspett li, fil-fehma tal-Qorti, huwa fondat sew, u li rrisulta mill-provi li effettivament hekk kien.

Bil-Malti nghidu li “il-kelb il-mismut kull ilma jahsbu mishun”. L-imputat beda jissuspetta f’kollox u kulhadd, hekk kif induna li martu kellha relazzjoni intima ma’ Pulizija. Izda l-Qorti ma tistax taghtih tort jissuspetta hekk, specjalment meta dan l-Ufficjal dejjem innega li qatt kellu tali relazzjoni, izda wara harget li din ir-relazzjoni kienet minnha. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat kien gustifikat jaghmel l-ilment lill-Kummissjoni u jindika lil PC 627. Kellux ragun f’dak li allega fil-konfront tieghu huwa

mertu li din il-Qorti ma tistax tidhol fih, izda zgur ma jistax jinghad li l-imputat ikkalunja lil dan l-Ufficjal, jigifieri li ddenunzjah quddiem awtorita’ b’reat li kien jaf li m’ghamilx. Anzi, huwa talab lil dik il-Kummissjoni tinvestiga l-ilment tieghu.

Illi fl-istess ilment gie mqieghed intortament l-Ispettur Arthur Mercieca. Kif gia’ inghad, l-imputat kien ghaddej minn separazzjoni personali minn ma’ martu, u huwa fatt maghruf li persuna li tkun qed tissepara mhux dejjem tkun qed tara l-affarjiet cari quddiemha. Hekk kif dahallu dan is-suspett f’PC 627, ghal xi raguni li mhix cara ghall-Qorti, wehel ma’ rasu l-Ispettur Mercieca. L-imputat ighid li l-Ispettur kien habib kbir ta’ hu l-mara tieghu, u allura seta’ kien influwenzat minnha jew minn huha meta l-imputat kien tressaq b’arrest il-Qorti xi drabi ohra. Jerga’ jinghad li dan il-mertu din il-Qorti ma tistax tidhol fih, ghax huwa l-mertu tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull ma rrisula mill-provi quddiem din il-Qorti kien li l-Ispettur Mercieca veru jaf lil hu l-mara tal-imputat, certu Albert Camilleri maghruf bhala Robert, izda dan kien jafu biss peress illi Camilleri kien ghamel xi xoghol ta’ injam fid-dar tal-Ispettur madwar ghaxar snin qabel. Ghalkemm ma tafx jekk din l-allegazzjoni ta’ hbiberija kbira kienetx minnha jew le, il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-imputat jekk kellu dan is-suspett u ghamel rapport f’dan is-sens lil dik il-Kummissjoni. Li zgur ma rrisultax lil din il-Qorti huwa li xjentement l-imputat ikkalunnja lill-Ispettur Mercieqa.

Mela s’issa rrisulta li PC 627 kellu relazzjoni intima ma’ mart l-imputat, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti li l-imputat jaghmel ilment fuqu huwa gustifikat, aktar u aktar meta din ir-relazzjoni dejjem giet innegata minn PC 627, anke waqt li kien qed jixhed quddiem din l-istess Qorti. Allura mhux bil-fors li l-imputat jissuspetta li PC 627 seta’ kien qed ighin biex ir-rapporti li taghmel il-mahbuba tieghu ma jiehux interess specjali fihom, u jara li jaslu? Mela zgur ma kien hemm ebda kalunnja mill-imputat fil-konfront ta’ PC 627, anzi l-imputat kien gustifikat jaghmel tali lment fuqu. Dwar l-Ispettur Mercieca, din il-Qorti ma tahsibx li seta’ kien imdahhal fl-istorja, izda l-imputat xorta ssuspetta fih, aktarx ghax “il-kelb il-mismut kull ilma jahsbu mishun”.

Madankollu, il-Qorti ma tistax taghti tort lill-imputat jissuspetta f'kulhadd, u zgur ma rrisultax li l-imputat xjentement ikkalunnja lill-Ispettur Mercieca.

Illi ghalhekk, l-ewwel imputazzjoni ma tirrisultax ippruvata. Sabiex dik tirnexxi, kellu jigi ppruvat li l-imputat kien jaf li r-rapport tieghu hu wiehed falz izda mill-provi rrisulta li, almenu fil-konfront ta' PC 627, kien gustifikat. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din ukoll ma gietx ippruvata. Din l-akkuza tghid li l-imputat ghamel stqarrija jew dikjarazzjoni falza biex jikseb vantagg ghalih innifsu. Hu ghamel rapport lil Awtorita' pubblika, fejn almenu in parte din irrisultat gustifikata. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma ghamel ebda stqarrija falza. L-istess jinghad fuq it-tielet imputazzjoni. Ma gew mahluqa ebda provi kontra PC 627 u l-Ispettur Mercieca mill-imputat. Sar biss rapport fil-konfront taghhom li, jerga' jinghad, fl-aghar ipotesi rrisulta li kien gustifikat almenu in parte, ghal dak li jirrigwarda PC 627.

Kwantu ghar-raba' imputazzjoni, din tirrigwarda fastidju lil PC 627. Apparti li ma gietx ippruvata l-"course of conduct" mehtiega biex din tirrisulta ppruvata, a skans ta' ripetizzjoni jerga' jinghad li r-rapport li ghamel l-imputat fil-konfront tal-kuntistabbli kien wiehed gustifikat.

L-unika imputazzjoni li tirrisulta ppruvata hija l-hames wahda, u cioe' dik tal-ingurja. Anke hawnhekk, il-Qorti tifhem li l-imputat kien hassu insultat li martu ghandha relazzjoni ma' ufficjal tal-Pulizija u li din qed tigi mohbija u nnegata minn kulhadd. Ghalhekk tifhem li l-imputat kien irrabjat ghall-Pulizija u qal kliem ingurjuz fil-konfront tal-kuntistabbli, kif ukoll fil-konfront tal-Ispettur, izda l-Qorti tifhem ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz sfortunat hafna b'retroxena ta' separazzjoni kumbattuta. Madankollu l-agir tal-imputat jibqa' wiehed kundannabbli, u ghalhekk ser tinstab htija fih ghal din l-imputazzjoni u sejra tinghata l-piena skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

L-ahhar kumment li ghandha tghaddi l-Qorti fuq din il-kawza hija t-thassib taghha ghal dak li jirrisulta mill-atti dwar it-tempestivita' ta' din l-istess kawza. Jidher li l-ilment

tal-imputat lill-Kummissjoni sar fid-9 ta’ Jannar 2012, u ntbaghtet lill-Pulizija ghall-kummenti taghhom fit-23 ta’ Jannar, 2012. Din l-investigazzjoni mill-Kummissjoni kienet ghadha ma gietx konkluza tal-inqas sal-10 ta’ Ottubru 2012, meta kellu jixhed is-Segretarju tal-Kummissjoni. Madankollu, l-imputat ittehditlu stqarrija fil-31 ta’ Jannar 2012, u t-tahrika tal-Pulizija bl-imputazzjonijiet odjerni harget fl-24 ta’ April, 2012, jigifieri ftit aktar minn tlitt xhur wara li l-Pulizija inalbu jaghtu l-kumenti taghhom. Ghalhekk jidher car li l-Pulizija ma stennewx li tigi konkluza l-investigazzjoni tal-Kummissjoni qabel ma hadu passi kontra l-imputat. Il-Qorti thoss li kull kument ulterjuri f’dan l-istadju huwa superfluwu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li rat l-Artikoli 101(1), 188, 110(1), 251A, 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ma siibx lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Issibu hati tal-hames imputazzjoni u, wara li rat l-Artikolu 252(2), tikkundannah twiddiba w canfira.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------